



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9625/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0219 (APP)

GAF 24
FIN 426
CADREFIN 66

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 371 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar- Regolament (UE) Nru .../2018 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall- perjodu 2021-2027 (il-programm "Pericles IV")

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 371 final.

Mehmuż: COM(2018) 371 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018
COM(2018) 371 final

2018/0219 (APP)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2018 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tipprovdi għal data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, f'konformità man-notifika mir-Renju Unit tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea rċevuta mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

Il-programm Pericles huwa programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Il-programm ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 u l-effetti tiegħu ġew estiżi għall-Istati Membri tal-UE li ma kinux adottaw il-euro bħala l-munita tagħhom bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/924/KE tas-17 ta' Diċembru 2001. L-emendi sussegwenti għal dawn l-atti bażiċi permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE, 2006/850/KE, Regolament (UE) Nru 331/2014 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/768¹ estendew id-durata tal-programm sal-31 ta' Diċembru 2020.

Fil-proposta tagħha (COM(2018)369), skont l-Art 133 tat-TFUE, il-Kummissjoni tippromponi li tkompli l-programm Pericles skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020.

L-Artikolu 139 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li miżuri li jirregolaw l-użu tal-euro msemija fl-Artikolu 133 tiegħu m'għandhomx japplikaw għall-Istati Membri b'deroga.

Madankollu, l-iskambju ta' informazzjoni u ta' persunal u l-miżuri ta' għajjuna u taħriġ implimentati taħt il-programm Pericles għandhom ikunu uniformi fl-Unjoni kollha u għaldaqstant għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi garantit l-istess livell ta' protezzjoni għall-euro fl-Istati Membri fejn il-euro mhix il-munita uffiċjali. Ir-rwol attiv tal-Istati Membri mhux parteċipanti skont l-estensjoni preżenti tal-programm Pericles 2020 huwa rilevanti u sinifikanti. Pereżempju, il-Bank Nazzjonali tal-Kroazja organizza serje ta' konferenzi bit-titlu "Netwerk tal-Balkani għall-protezzjoni tal-euro" li jiġbor flimkien esperti mill-Ewropa tax-Xlokk biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar f'dan il-qasam li huwa magħruf għad-distribuzzjoni u l-produzzjoni tal-iffalsifikar tal-euro.

Din il-proposta għandha testendi l-programm Pericles għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li għandhom mhux jużaw il-euro bħala l-munita unika tagħhom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tikkonċerna l-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar taqa' fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Din id-dispożizzjoni tipprovdi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika. Din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss għall-Istati Membri li adottaw il-euro bħala l-munita unika tagħhom.

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 352 tat-TFUE, li huwa l-bażi legali biex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-programm Pericles lill-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala l-munita unika tagħhom.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/768 tal-11 ta' Mejju 2015 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 331/2014, [ĠU L121, 14.5.2015, p. 1](#).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-protezzjoni tal-munita unika Ewropea bħala għid pubbliku għandha dimensjoni transnazzjonali ċara u għaldaqstant tmur lil hinn mill-interess u mir-responsabbiltà tal-Istati Membri individwali. Meta tqis iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-euro u t-tnaqqis qawwi tal-kriminalità organizzata internazzjonali fl-iffalsifikar tal-euro (produzzjoni u distribuzzjoni), l-oqfsa ta' protezzjoni nazzjonali jeħtieġ li jkunu kumplementati minn inizzjattiva tal-UE biex jiżguraw kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali omoġenja u biex jiffaċċjaw ir-riskji transnazzjonali emerġenti.

- **Proporzjonalità**

- Ir-Regolament propost huwa neċessarju, xieraq u adatt biex jikseb l-għan aħħari. Huwa jipproponi biex isahha b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mingħajr ma tiġi ristretta l-kapaċità tal-Istati Membri li jipproteġu l-euro kontra l-iffalsifikar. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata għax tgħin b'mod ċar lill-Istati Membri biex kollettivament jipproteġu l-euro u tinkoraġġixxi l-użu ta' strutturi komuni tal-Unjoni biex tizzied il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti². **Għażla tal-istrument**

Regolament jitqies l-istrument legali xieraq biex jiddefinixxi l-qafas għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Huwa b'kontinwità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/768 tal-11 ta' Mejju 2015 li jestendi l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") għal Stati Membri mhux parteċipanti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex ante* (SWD(2018)281) fil-kuntest tat-tħejjija tar-Regolament (UE) Nru .../2018 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perijodu wara l-2020 (il-programm "Pericles IV"). L-evidenza miġbura u ppreżentata bħala parti minn din l-evalwazzjoni *ex ante* hija direttament trasferibbli għall-proposta preżenti.

Bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika dwar il-fondi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà, ġew ikkonsultati partijiet ikkonċernati dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva meħmuża ma' din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill tistipula l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa. Din id-dikjarazzjoni finanzjarja dwar l-implikazzjonijiet hija identika — ħlief għall-bażi legali — għad-dikjarazzjoni finanzjarja għall-proposta dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru .../2018 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar wara l-2020 (il-programm "Pericles IV").

² Kif imsemmi fil-premessa 13 tar-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") [ĠU L 103, 5.4.2014, p. 1.](#)

5. ELEMENTI OĦRAJN

- Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar

Mhux applikabbli

- Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)

Mhux applikabbli

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2018 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew³,

Waqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru.../2018 li jistabbilixxi l-programm “Pericles IV”⁴ jipprevedi li huwa applikabbli fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati. L-Artikolu 139 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li miżuri li jirregolaw l-użu tal-euro msemija fl-Artikolu 133 tiegħu m'għandhomx japplikaw għall-Istati Membri b'deroga.
- (2) Madankollu, l-iskambju tal-informazzjoni u l-persunal u l-miżuri ta' assistenza u taħriġ implimentati taħt il-programm Pericles IV għandhom ikunu uniformi fl-Unjoni kollha. Għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun garantit l-istess livell ta' protezzjoni għall-euro fl-Istati Membri fejn il-euro mhijiex il-munita uffiċjali tagħhom.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2018 għandha tiġi estiża għall-Istati Membri li mhum iex l-Istati Membri parteċipanti kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/1998⁵.

Entitajiet minn dawk l-Istati Membri għandhom jitqiesu eliġibbli għal finanzjament meta dawn ikunu awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2018 li jistabbilixxi l-programm “Pericles IV”.

³ ĠU C ..., p.

⁴ Ara l-paġna ... ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁵ [ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.](#)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*